# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 937/09/1 TA**

**L-Università ta' Malta**

**v.**

**Dr Daniel Said Pullicino**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-konvenut ('appellant') minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Novembru 2017 li sabet illi l-konvenut naqas milli jippresta lill-Università ta' Malta s-servizz għall-perjodu ta' ħames snin minn meta temm kors ta' studju minnha finanzjat, kif kien obbligat li jagħmel skont il-ftehim bejn il-partijiet, u kkundannatu jħallas lura s-somma ta' €51,113.44.

**<u>Preliminari.</u>**

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum huma s-segwenti:

2.1. Fil-25 ta' Ottubru 1999 il-konvenut ġie mpjegat mill-Università attriċi bħala *Laboratory Officer II* fid-Dipartiment tal-Kimika. Dan bil-kwalifika ta' B.Sc (Hons);

2.2. Bejn is-sena 2000 u s-sena 2002, il-konvenut kompla l-istudji tiegħu fuq bażi *part-time* u fl-24 ta' Novembru 2003 kiseb il-kwalifika ta' M.Sc.;

2.3. Billi l-konvenut xtaq ikompli fl-istudji tiegħu, bl-approvazzjoni tad-Dekan tal-Fakultà tax-Xjenza u Kap tad-Dipartiment tal-Kimika, Prof. Alfred. J. Vella, applika għall-borża ta' studju;

2.4. L-Università laqgħet it-talba u b'hekk il-partijiet daħlu fi '*Scholarship Agreement for Full-time Study'* datat 20 ta' Mejju 2004 (li effettivament ġie ffirmat wara dik id-data),[1] li bih l-Università aġġudikat lill-konvenut borża ta' studju[2] bil-

[1] Fol. 147
[2] Konsistenti fi ħlas ta' salarju, *subsistence allowance*, spejjeż ta' vjaġġar, spejjeż relatati mat-tagħlim, u *national insurance*

għan li, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006, ikompli l-istudji tiegħu li jwassluh għal Ph.D. fi '*Productivity and Environmental Sustainability in Agriculture'* fl-Università ta' Perugia, l-Italja. Dan suġġett għal diversi kondizzjonijiet fosthom dik illi huwa jippresta lill-Università attriċi s-servizz tiegħu għall-perjodu ta' ħames (5) snin minn meta temm kors ta' studju minnha finanzjat (klawżola 5). Fin-nuqqas obbliga ruħu li jħallas lura lill-Università somma flus li tiġi kkalkulata skont formola stabbilita fl-istess klawżola;

2.5. Fil-25 ta' Jannar 2007 il-konvenut kiseb il-kwalifika ta' Ph.D. mill-Fakultà tal-Agrikoltura tal-Università ta' Perugia fl-Italja;

2.6. Billi dak iż-żmien il-konvenut kien għadu mdaħħal f'diversi proġetti ta' riċerka fl-Italja talab perjodu ta' *unpaid leave.* Dan ġie approvat sat-30 ta' Settembru 2007;

2.7. Il-konvenut ma riedx jirritorna għall-kariga preċedenti tiegħu fl-Università attriċi għaliex ippretenda li jingħata posizzjoni akkademika. Jgħid li Prof. Alfred. J. Vella infurmah li f'dak iż-żmien ma kienx hemm *vacancy* u li probabbilment ma kienx ser ikun hemm post qabel ħames

snin oħra.[3] Konsegwentement iddeċieda jaċċetta kuntratt ta' *Post-doctoral Research Assistant* fl-Università ta' Perugia fl-Italja;

2.8. Billi l-konvenut ma rritornax lura għax-xogħol fl-Università ta' Malta, fl-20 ta' Diċembru 2007 din tal-aħħar infurmatu li l-Kunsill temmlu l-impieg. Talbitu wkoll jirrifondi lura l-ispejjeż kollha li ħallsitlu waqt il-Ph.D. (Lm26,876 / €62,604.24)[4];

2.9. Il-konvenut ħallas lura lill-Università s-somma komplessiva ta' €11,490.80[5]. Jgħid li għamel dan bħala ġest ta' rieda tajba u li din is-somma tirrappreżenta spejjeż ta' vjaġġar, akkomodazzjoni, għixien u tagħlim. Irrifjuta iżda li jroddilha lura s-salarju ta' *Laboratory Officer* u l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali li hija ħallsitlu tul it-tliet snin tal-Ph.D.

3. B'din il-kawża l-Università attriċi qed tfittex lill-konvenut għall-bilanċ ta' €51,113.44 abbazi tal-klawsola 5(ii) tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet. Talbet lill-Qorti:

---

[3] Fol. 113, 151

[4] Fol. 91, 126

[5] 04.04.2008 - €1,739.01; 07.05.2008 - €1,739.01; 03.06.2008 - €1,739.01; 09.07.2008 - €1,739.01; 04.08.2008 - €1,739.01; 10.09.2008 - €1,739.01; 09.10.2008 - €1,056.74

*"1. Tordna lill-konvenut sabiex jidher quddiem l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-hin li tordna din l-istess Onorabbli Qorti;*

*2. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Tiddikjara illi l-intimat Dr. Daniel Said Pullicino huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il ewro u erbgha u erbghin ewro centezmi (€51,113.44) rapprezentanti hlas minnu dovut lilha ghall-borza ta' studju skont kuntratt minnu ffirmat u li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. UOM1, u*

*4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponent s-somma fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il ewro u erbgha u erbghin ewro centemzi (€51,113.44) u tipprefiggi terminu ghall-hlas ta' l-istess.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2009 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. UoM 3), u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni."*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fil-5 ta' Mejju 2010[6], il-konvenut wieġeb:

*"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ai termini tal-klawsola 5(ii) tal-kuntratt (Dok. UoM1) kienu jezistu ragunijiet tajba u sufficjenti ghaliex l-intimat ma offriex is-servizzi tieghu lir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-definizzjoni bl-ittra 'C' tal-formula ghal komputazzjoni tal-penali, ai termini tal-kuntratt, ma ssemmiex is-salarju illi ppercepixxa l-intimat u ghalhekk l-ebda bilanc jew ammont ulterjuri ma huwa dovut lir-rikorrenti;*

*3. Illi fi kwaliasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkluzjoni tas-salarju illi ppercepixxa l-intimat fid-definizzjoni bl-ittra 'C' tal-formula ghal komputazzjoni tal-penali ghandha titqies bhala illegali stante illi tmur kontra id-disposizzjonijiet tal-Ligijiet ta' Malta, in partikolari izda mhux esklussivament ai termini tal-Artikolu 42 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

[6] Fol. 106

5. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Novembru 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li:

> *"Fil-waqt li qed **tichad l-eccezzjonijiet** tal-Konvenut, **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba fid-dawl li l-Konvenut gie ammess jikkontesta l-kawza skont il-verbal ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 2010.*
>
> ***Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara li l-Konvenut Dr. Daniel Said Pullicino huwa debitur tal-Universitá Attrici fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il Ewro u erbgha u erbghin ewro centezmi (€51,113.44) rapprezentanti hlas minnu dovut lilha ghall-borza ta' studju skont kuntratt minnu ffirmat u li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. UOM1 a` fol 6 tal-process.*
>
> ***Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-Konvenut sabiex ihallas lill-esponent is-somma fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il Ewro u erbgha u erbghin Ewro centezmi (€51,113.44), bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.*
>
> *Spejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2009, a karigu tal-Konvenut."*

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

> *"8. Jibda biex jinghad li l-klawsola 5(ii) tal-ftehim tghabbi lill-Konvenut bl-obbligu li jibqa' fis-servizz tal-Universitá ghall-perjodu ta' hames snin minn meta jtemm il-borza ta' studju. Din il-klawsola testwalment tistabilixxi li jekk ma joqghodx mal-obbligu imsemmi minghajr raguni gusta u sufficjenti u cioe' "without cause <u>deemed at the University's discretion</u> to be good and sufficient", il-Konvenut huwa tenut li jirrimborsa lill-Universitá "the total amount of expenses (including travel and accommodation expenses. Tuition fees and subsistence allowances) paid or expended by the University in connection with the scholarship".*
>
> *9. Klawsola 5(ii) tal-kuntratt tistabilixxi li x'jikkostitwixxi "good and sufficient cause" hija decizjoni imhollija fid-diskrezzjoni tal-Universita`. Izda dan ma jfissirx li din il-Qorti hija prekluza milli tissindika r-ragjonevolezza jew proporzjonalita` tad-decizjoni mehuda. Huwa dejjem fis-setgha tal-Qrati li jintervjenu biex jassiguraw li din id-diskrezzjoni f'materja ta' kuntratti tintuza b'mod gust (ara Sentenza*

*tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Gianninu Caruana Demajo fl-ismijiet John Saliba -vs- Air Malta Plc tad-9 ta' Dicembru 2005).*

*10. Minn naha l-ohra l-Konvenut lanqas ma jista' jistrieh fuq il-principju, li inademplenti non est ademplendum. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Konvenut jargumenta li l-fatt li l-Universitá m'offritx lill-Konvenut xoghol akkademiku wara li jikseb il-kwalifika ta' Ph.D, hija b'xi mod naqset fil-konfront tieghu. Fil-ftehim imsemmi, ma hemm xejn x'jindika li l-Universitá b'xi mod weghdet jew assumiet xi obbligu bhal dan fil-konfront tal-Konvenut. Kieku l-Konvenut ried li jkun hemm dan l-obbligu tal-Universita`, messu insista ghalih kontrattwalment. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-Konvenut li jinsisti li fil-kuntratt kellha tkun inserita klawsola f'dan is-sens ...*

*11. Il-ftehim Li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa insuccint wiehed car: l-Universitá bhala principal, obbligat ruhha li thallas lill-impjegat taghha l-Konvenut Dr. Said Pullicino ghall-istudji tieghu gewwa l-Universitá ta' Perugia. In konsiderazzjoni ta' dan, il-Konvenut obbliga ruhu li jaghti s-servizz tieghu lill-Universitá ghal hames snin. Dak li bhal donnu qieghed jippretendi l-Konvenut, la huwa effett indirett u wisq anqas indirett tal-kuntratt inkwistjoni.*

*...*

*13. Huwa fatt inkontestat li l-Universitá esegwiet il-parti tal-obbligazzjoni taghha billi ffinanzjat l-ischolarship tal-Konvenut bil-mod elenkat fil-punt numru 8 tal-Enclosure "A" (fol 9) anness mal-istess ftehim. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-Konvenut li ddecieda li jtemm is-servizz tieghu minn ma' l-Universitá u ma jahdem xejn mill-hames snin ta' mpjieg li huwa ntrabat li jahdem.*

*14. Hekk kif jipprovdi l-artikolu 933 tal-Kodici Civili, dan il-ftehim ghandu jigi ezegwit bil-buona fede li hi "fonti integrattiva tal-kuntratt" (ara Malta Information Technology & Trainig Services Limited vs Michael Balzan citata supra). Ghaldaqstant in-nuqqas tal-Konvenut li jottempera ruhu mal-obbligu minnu liberament accettat fil-ftehim imsemmi igib mieghu r-responsabilitá kontrattwali li l-Konvenut irid jerfa' l-effetti u l-konsegwenzi ta' tali inadempiment.*

*15. Huwa minnu wkoll li meta l-Konvenut affettwa l-pagament tal-ispejjez kollha kif fhemhom hu, u dan billi f'dan il-pagament ma inkludix is-salarju u n-National Insurance, ikkawtela l-istess pagament billi ddeskrivih bhala gest ta' gratitudni u buona volontá (ara Affidavit tal-Konvenut a` fol 114). Meta l-Konvenut ghamel dan il-pagament, anke jekk ikkawtelat, irrikonoxxa, li bir-rizenja tieghu, huwa kiser il-kondizzjonijiet tal-Borza ta' Studju li kellu mal-Universitá.*

*16. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax, li kif inhi imfassla l-ewwel eccezzjoni, il-Konvenut qieghed jirregetta ghal kollox il-pretensjonijiet*

*attrici abbazi ta' dak li inghad aktar 'l fuq. Izda aktar 'l quddiem fl-eccezzjonijiet tieghu bhal donnu jargumenta li anke li kieku, dak li hallas kien jissodisfa kull pagament li kellu jaghmel abbazi tal-kuntratt mertu tal-kawza. Dan ifisser, li bl-ahhar argument, il-Konvenut ikun jirrikonoxxi li tassew naqas mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu abbazi ta' klawsola 5(ii) tal-ftehim, izda d-disputa hi limitata ghall-ammont li l-Universita' qeghda tippretendi li ghandu jhallas.*

*17. Fil-kwistjoni ta' jekk l-interpretazzjoni tal-ittra 'C' tal-klawsola 5(ii) tal-ftehim imsemmi teskludix jew le s-salarju u n-National Insurance, din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza Malta Information Technology and Training Services Limited vs Michael Balzan gia citata supra:-*

> *"Il-process interpretattiv ghandu jkollu l-iskop li jiddetermina l-intent prattiku prosegwit mill-partijiet. Dan anke indipendentment minn "nomen juris", ossija l-kwalifika, li l-partijiet jattribwixu lill-ftehim ta' bejniethom ..."*

*18. Applikat dawn l-osservazzjonijiet fil-kaz in dizamina, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjoni. Il-fatt wahdu li l-ittra 'C' fil-klawsola 5(ii) tal-ftehim ma taghmilx referenza ghall-punt numru 8 tal-Enclosure "A" u lanqas referenza esplicita ghas-salarji u n-national insurance bhala "expenses", dan ma jizvinkolax lill-Konvenut mill-obbligu tieghu li jhallas lura wkoll is-salarju u n-National Insurance. Dan ghaliex, huwa indubitat, li Enclosure "A" jibqa' bla dubju parti integrali tal-ftehim li gie konkjuz bejn l-partijiet.*

*19. Punt numru 8 , kjarament inestat bhala "Financial details of Scholarship" ... huwa indikazzjoni ta' x'kellhom f'mohhhom il-partijiet ai fini ta' klawsola 5(ii) fuq imsemmija. Din il-Qorti l-anqas ma ghandha dubbju, li fil-mument tal-ftehim, dak li kellhom f'mohhom il-partijiet, mhux fis-sens ta' xi xtaqu jghidu, izda ta' tassew x'qalu u ftehmu u cioe`, li kemm is-salarju u kif ukoll il-hlas tan-National Insurance kienu parti minn dak li kellu jkun rifuz f'kaz ta' ksur tal-klawsola imsemmija mill-Konvenut.*

*20. Il-Qorti tista' biss taghmel apprezzament ta' x'kellhom f'mohhom il-partijiet u x'tassew kien il-ftehim (meta titqanqal kwistjoni interpretattiva dwar xi parti tal-kuntratt), billi thares lejn il-parti soggetta ghall-interpretazzjoni, fil-kuntest ta' dak kollu li jiddisponi l-ftehim. Dan huwa rifless f'dak li jiddisponi artiklu 1003 tal-Kodici Civili.*

*21. Ghalhekk, meta l-Enclosure "A" jitqies flimkien ma' dak dikjarat fl-ittra 'C' fil-klawsola 5(ii), fejn hemm imnizzel li l-Konvenut ghandu jhallas "the total amount of expenses … paid or expended by the University in connection with the Scholarship" il-Qorti tifhem, li l-intenzjoni komuni tal-partijiet fil-ftehim imsemmi hija, li s-salarju u n-National Insurance li l-Universitá hallset (paid) lill-Konvenut in konnessjoni mal-borza ta' studju (kif imfissra fil-Financial details of*

*Scholarship fil-punt numru 8 tal-Enclosure "A") huma inkluzi fl-ammont ta' spejjez li l-Konvenut huwa obbligat jirrifondi lura lill-Universitá. Di piu il-kelma "including" hija kjarament indikattiva, u allura tkompli issahhah il-konvinciment ta' din il-Qorti, li apparti l-ispejjes imsemmija "in brackets", hemm spejjes ohrajn. X'jistghu ikunu dawn, jekk mhux dawk indikati fi klawsola 8 tal-Enclosure "A" anness mal-ftehim imsemmi?*

*...*

*23. Il-Qorti issa se tghaddi ghat-tielet eccezzjoni tal-Konvenut kif ibbazata fuq l-artikoli 19 u 42 tal-Kap. 452. Il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti, ghalkemm f'sens wisa' hija tirrigwarda negozju guridiku bejn Principal u impjegat, ma hiex materja guridikament regolamentat mill-Kap tal-Ligijiet imsemmi.*

*24. L-artikoli ma jiccentraw xejn mal-ftehim in kwistjoni. Il-ftehim mertu tal-kawza ma huwiex kuntratt ta' servizz jew ftehim kollettiv li qed jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impjieg jew jispecifika xi multi li l-impjegat jista' jehel fis-sens tal-artikoli msemmija. Dan il-ftehim huwa, wiehed ad hoc li bis-sahha tieghu l-Principal, ossia l-Universitá, intrabtet li tiffinanzja borza ta' studju lill-impjegat bil-mod kif deskritt fil-punt numru 8 tal-Enclosure "A". In kontrakambju, il-Konvenut obbliga ruhu permezz tal-klawsola 5(i) tal-ftehim, li jibqa' jippresta s-servizzi tieghu qua impjegat lill-Universitá ghal hames snin.*

*25. F'kaz ta' inadempjenza, il-ftehim lanqas ma jimponi xi multa fuq il-Konvenut izda biss li, fit-termini tal-klawsola 5(ii), l-istess jirrifondi l-hlasijiet kollha li gew effettwati mill-Universitá in konnessjoni mal-iScholarship imsemmija. Li kieku din il-Qorti kellha taccetta t-tezi tal-Konvenut f'dan ir-rigward, ifisser li tkun qeghdha tbierek sitwazzjoni fejn parti tkun arrikiet lilha nnifisha indebitament a` spejjes tal-parti l-ohra ...*

*26. Din il-Qorti tosserva ulterjorment illi li kieku l-kundizzjonijiet msemmija fil-klawsoli 5(i) u (ii) kienu jiffurmaw parti minn ftehim kollettiv jew kuntratt ta' servizz fit-termini tal-artikoli 19 u 45 tal-Kap. 452, xorta wahda kienu jitqiesu permessi mil-ligi billi, kif gie kemm il-darba ritenut, "Ma hemm xejn irraġonevoli li l-prinċipal li jkun daħal fi spejjeż biex iħarreġ u jrawwem impjegat tiegħu jistenna li dak l-investiment jissarraf f'ammont ta' servizz mogħti mill-impjegat wara li jkun hekk imħarreġ...*

*27. Ghalhekk fid-dawl ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali l-anqas ma jista' jinghad li f'dak li sar bejn il-partijiet holoq xi kundizzjonijiet sfavorevoli ghall-Konvenut. Is-salarju baqa' jircevih, ma tnaqqsulu xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu meta kellu jirritorna lura ghax-xoghol wara t-temm tal-istudji, kien marbut li jibqa' jippresta s-servizzi tieghu ghal zmien ikkunsidrat ragjonevoli sabiex il-principal seta' jirrikava l-investiment li ghamel fih u imkien ma jirrisulta li kien*

> *hemm xi kundizzjonijiet kuntrattwali jew prattici li huma meqjusa bhala illeciti skont il-ligi jew li jmorru kontra l-ordni pubbliku."*

7. Il-konvenut appella mis-sentenza b'rikors li ppreżenta fil-5 ta' Diċembru 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellant u tiċħad it-talbiet tal-Università appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Università appellata."*

8. L-Università wieġbet illi s-sentenza hi ġusta u timmerita konferma u li l-appell tal-konvenut mhu xejn għajr manuvra sabiex jiggwadanja ż-żmien.

**Konsiderazzjonijiet.**

9. L-ewwel aggravju tal-konvenut huwa marbut mal-ewwel eċċezzjoni. F'dan il-kuntest jilmenta li s-sentenza appellata hija bbażata fuq interpretazzjoni u apprezzament żbaljat tal-fatti. Dan għaliex fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma ndirizzatx: (i) il-fatt li meta huwa daħal jaħdem mal-Università bħala *Laboratory Officer II* huwa kellu kwalifika ta' B.Sc. (Hons), sussegwentement kiseb il-kwalifika ta' M.Sc. u finalment ottjena l-Ph.D; u (ii) r-raġonevolezza *o meno* tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-Università appellata safejn ippretendiet li huwa jirritorna lura għax-xogħol ta' *Laboratory Officer II* wara li kien ottjena dottorat. Jippretendi li, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, b'dik il-kwalifika kellu jiġi offrut post akkademiku u li '*l-ebda persuna b'sens*

*komun ma seta' jasal għal konklużjoni illi għaliha waslet l-Ewwel Qorti'.* Jgħid ukoll li '*s-superfiċjalità tal-Ewwel Qorti hija lampanti u grossolana"* għaliex ma tatx każ li l-ftehim in kwistjoni ġie ffirmat *xhur* wara li effettivament kien ingħatalu l-*ischolarship* u wara li kien diġà qed jistudja f'Perugia*.* Jgħid li b'hekk li ma kienx possibbli għalih li jinsisti li jkun hemm klawżola li huwa jiġi offrut post akkademiku meta jirritorna lura. Dan apparti l-fatt li huwa ma kellux *bargaining power*. Jikkontendi li l-ġudikant li ta s-sentenza appellata ma fehemx l-eċċezzjonijiet tiegħu u lanqas il-provi għaliex ma kienx hu li sema' x-xhieda *viva voce*.

10. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li fl-aggravju intuża kliem żejjed bla bżonn. Avukat għandu jiftakar li hu uffiċjal tal-qorti. Sabiex iressaq argument fl-interess tal-klijent tiegħu, m'hemmx għalfejn jagħmel użu minn kliem dispreġattiv fil-konfront ta' qorti.

11. Lura għall-aggravju nnifsu, il-klawsola 5 tal-ftehim bejn il-partijiet tgħid kif ġej:

> *"(i) The scholarship holder undertakes and binds himself in favour of the University to continue to give his services to the University during the course of studies and for a period of five (5) years following the successful completion of the course of studies.*
>
> *(ii) Should the scholarship holder fail to give the University his services for a period of five (5) years following the successful completion of the course of studies without cause deemed at the University's discretion to be good and sufficient, he shall be bound to forthwith refund to the University an amount calculated in accordance with the following formula ..."*

12. Skont din il-klawsola, il-konvenut kien obbligat illi jkompli joffri s-servizzi tiegħu lill-Università appellata għall-perjodu ta' ħames snin wara li jtemm l-istudji tad-dottorat minnha finanzjati.

13. Huwa fatt illi:

i. l-konvenut ma rritornax jaħdem mal-Università appellata wara li temm l-istudji tad-dottorat; u li

ii. din tal-aħħar talbitu rifużjoni sħiħa tal-borża ta' studju, ossija s-salarju tal-konvenut bħala *Laboratory Officer II* bejn l-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006, is-*subsistence allowance*, *travel expenses*, *tuition expenses* u *national insurance*; u li

iii. Il-konvenut irrifonda dik is-somma *in parte*.

14. Il-konvenut isostni iżda li l-ħlas ta' €11,490.80 sar b'sens ta' rieda tajba u jikkonsisti f'rifużjoni tas-*subsistence allowance*, *travel expenses* u *tuition expenses.* Jiċħad iżda li għandu jħallas lura lill-Università appellata s-salarju u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li hija baqgħet tħallsu waqt l-istudji tiegħu f'Perugia. Dan għaliex skontu kellu '*good and sufficient reason'* biex ma jirritornax jaħdem hemm ladarba m'offrewlux post akkademiku wara li temm l-istudji tiegħu.

15. Evidenti li f'Jannar tal-2007 il-konvenut ottjena kwalifiki ogħla minn dak li jirrikjedi xogħol ta' *Laboratory Officer II.*[7] Tagħraf ukoll li huwa ngħata l-borża ta' studju in kwistjoni fuq rakkomandazzjoni tal-Prof. Vella. Dan però ma jagħtix lill-konvenut id-dritt awtomatiku għal post akkademiku fi ħdan l-Università appellata, kif jippretendi. M'hemmx klawżola f'dak is-sens fil-kuntratt li l-partijiet iffirmaw.

16. Fiż-żmien li l-konvenut ottjena l-Ph.D ma kienx hemm *vacancy* ta' akkademiku fil-Fakultà tax-Xjenza u d-Dipartiment tal-Kimika. Il-konvenut m'għandux jedd jippretendi li l-Universita' kellha xi obbligu li toħloq post ġdid għall-konvenut hekk kif iggradwa.

17. Hu fatt li jistona kif l-Università ta' Malta tkun daħlet għal spiża bħal dik sabiex imbagħad tibgħat lill-impjegat lura fl-istess kariga li kellu qabel beda l-istudji li wassluh għall-Ph.D. Ovvjament wieħed ma jistax ikun ċert dwar jekk dak l-istat ta' fatt kienx ser ikompli għall-perjodu kollu ta' ħames snin, ġialadarba l-konvenut qatt ma rritorna lura għax-xogħol mal-Università.

18. Il-Qorti mhux se toqgħod tispekula dwar l-allegat dannu psikoloġiku li l-konvenut seta' possibbilment isofri kieku rritorna għax-xogħol ta' *Laboratory Technician,* li semma f'paragrafu 55 tar-rikors tal-appell.

[7] Fol. 141 *et seq*

19. It-taħdita ta' darba li l-konvenut qal li kellu mal-Professur Vella dwar l-opportunitajiet ta' xogħol fil-futur mal-Università, m'hijiex *good and sufficient cause* biex il-konvenut ma jirritornax lura għax-xogħol u minflok jibda jaħdem bħala *Post-doctoral Reaserch Assistant"* mal-Università ta' Perugia.

20. Il-flus li ħarġet l-Universitá appellata ma kinux biss *subsistence allowance, travel expenses* u *tuition expenses* imma wkoll salarju ta' *Laboratory Officer II* u n-*national insurance contributions* li ħallsitu f'dawk it-tliet snin. Ħlas li l-konvenut irċieva meta ma kienx qiegħed jirraporta għax-xogħol, u li rċieva bħala parti mill-finanzjament tal-borża ta' studju għad-dottorat tiegħu.

21. Effettivament, il-fatti juru li l-konvenut irrikonoxxa dak l-obbligu u beda jħallas dak minnu dovut b'rati ta' €1,739.01. Anita Aloisio, li kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Finanzi mal-Università, ikkonfermat li tali pagamenti ma kinux isiru għal xi *allowance* partikolari iżda b'mod ġenerali skont *installment plan* li l-Università offriet lill-konvenut sabiex iħallas bin-nifs.

22. Fil-fatt, ir-rata ta' €1,739.01 għal tliet snin (36 pagament) tekwivali eżattament għas-somma komplessiva li kienet dovuta.[8] Jaqa' għalhekk l-argument tal-konvenut li huwa għamel dawk il-pagamenti biss bħala ġest ta' rieda tajba u limitatament bħala rifużjoni tas-*subsistence allowance, travel expenses* u *tuition expenses*.

23. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

24. It-tieni aggravju tal-konvenut huwa marbut mat-tieni eċċezzjoni tiegħu fejn sostna li, *ai termini* tal-kuntratt, id-definizzjoni bl-ittra 'C' tal-formula għal komputazzjoni tal-penali, ma ssemmix is-salarju illi rċieva l-intimat u għalhekk l-ebda bilanċ jew ammont ulterjuri ma huwa dovut lir-rikorrenti. Jikkontendi li, f'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti nterpretat il-kuntratt b'mod superfiċjali u ħażin u ma evalwatx sew il-provi. Jisħaq li ċ-ċirkostanzi fil-każ fl-ismijiet Awtorità Marittima ta' Malta et v. Michelle Grech et, ċitat fit-tul mill-Ewwel Qorti, huma diversi minn dawk tal-każ tiegħu u inoltre f'dik is-sentenza l-Qorti kienet naqqset is-somma mitluba mill-attriċi bin-nofs.

25. Il-formula stabbilita fil-klawżola 5 tal-kuntratt hi s-segwenti:

> *"$\frac{A}{B}$ x C (that is A divided by B multiplied by C)*

[8] Fol. 91

*where:*

*A – is the number of weeks in five years (that is 260) less the number of weeks of services actually given by the scholarship holder to the University following the successful completion of the courtse of studies;*

*B – is the number of weeks in five years (that is 260)*

*C – is the total amount of expenses (including travel and accomodation expenses, tuition fees and subsitence allowances) paid or expended to the University in connection with the Scholarship."*

26. Kuntrarjament għal dak li jippretendi l-konvenut il-kliem '*total amount of expenses'* kif ukoll il-kelma '*including'* fid-definizzjoni tal-ittra 'C' juru b'mod ċar li l-ispejjeż li jissemmew fil-parentesi m'humiex l-uniċi spejjeż. Huma kompriżi wkoll l-ispejjeż li għamlet l-Università appellata fl-iffinanzjar tal-borża ta' studju tiegħu.

27. L-istess jinsabu elenkati taħt il-"*financial details of Scholarship"* fl-*"Enclosure "A" – Grant Certificate"* li jifforma parti mill-istess kuntratt, u dan bħala:

| | | |
|---|---|---|
| *"(a)* | *Salary:* | *to continue during scholarship* |
| *(b)* | *Subsistence allowance:* | *Euros 3,600 + Euros 3,600 for other allowances during 2004*<br>*Euros 900 + Euros 900 for other allowances during 2005*<br>*Euros 900 + Euros 900 for other allowances during 2006* |
| *(c)* | *travel expenses* | *Euros 240 return airfare + Euros 40 return coach/train ticket during 2004* |
| *(d)* | *tuition expenses* | *Euros 399,90 during 2004*<br>*NIL during 2005 - 2006* |
| *(e)* | *National Insurance* | *To be paid by University* |

28. Għalkemm il-formula fil-klawsola 5 ma ssemmix espressament dik il-parti tal-kuntratt, madankollu:

28.1. l-*enclosure* 'A' huwa parti integrali tal-kuntratt;

28.2. m'hemmx dubju li l-ispejjeż hemm elenkati huma dawk li għamlet l-Università sabiex il-konvenut ikompli fl-istudji li wassluh għall-PhD. Is-salarju u n-*national insurance* huma fihom infushom spiża għaliex matul il-perjodu ta' studju, il-konvenut ma kien qiegħed jagħti l-ebda servizz lill-attriċi u l-ħlas baqa' jsir mill-Università.

29. Fuq dan l-aħħar punt il-konvenut isostni li salarju u *social security contributions* m'humiex *'expense'* (spiża). Kieku l-konvenut baqa' jaħdem bħala *Laboratory Officer* fl-istess waqt li kien qiegħed jistudja, kien ikollu raġun. Iżda dan ma kienx il-każ tant illi dak is-salarju ġie inkluż fil-pakkett tal-borża tal-istudju tiegħu. Altrimenti ma kienx jieħdu. M'hemmx dubju allura li f'dan il-każ il-ħlas tas-salarju u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandhom jiġu kkalkulati flimkien mal-ispejjeż l-oħra u għandhom jitħallsu lura.

30. Il-konvenut jippretendi li f'kull każ ladarba l-Ewwel Qorti kkwotat estensivament mis-sentenza fl-ismijiet Awtorità Marittima ta' Malta et v. Michelle Grech et, kellha neċessarjament taqbel ma' dik is-sentenza fis-sħiħ u b'hekk tasal għall-istess konklużjoni li tnaqqas bin-nofs is-somma dovuta minnu.

31. Dik l-parti tas-sentenza fl-ismijiet Awtorità Marittima ta' Malta et v. Michelle Grech et fejn is-somma dovuta minn Grech ġiet meqjusa sproporzjonata u għalhekk tnaqqset bin-nofs, ma saritx referenza għaliha mill-Ewwel Qorti. F'dan il-każ japplika l-prinċipju *pacta sunt servanda*, u għalhekk m'hemmx bażi biex iseħħ tnaqqis.

32. Għalhekk tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

33. It-tielet aggravju jirreferi għat-tielet eċċezzjoni li l-inklużjoni tas-salarju illi ppercepixxa fil-komputazzjoni 'tal-*penali'* għandha titqies bħala llegali għaliex tmur kontra l-Artikoli 19 u 42 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452). Dan billi l-Università appellata m'ottjenietx l-awtorizzazzjoni preċedenti tad-Direttur tax-Xogħol. Jinsisti li f'dan ir-rigward is-sentenza appellata hi bbażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex fl-aħħar mill-aħħar ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda ta' prinċipal u mpjegat u għalhekk japplika l-Kap. 452.

34. F'dan il-każ l-Università appellata ma mponiet l-ebda multa fuq il-konvenut relatata ma' għemil jew ommissjoni f'xogħlu. It-talba tagħha hija limitatament għar-rifużjoni tal-ispejjeż li ħallset, inkluż allura *subsistence allowance, travel expenses, tuition expenses,* kif ukoll salarju ta' *Laboratory Officer II* u *national insurance contributions*. F'perjodu meta l-konvenut ma kien qiegħed jagħti l-ebda servizz lill-prinċipal tiegħu. Fin-nuqqas tal-borża ta' studju, mhux talli kien ikollu jħallas l-ispejjeż relatati mal-istudju tad-dottorat, talli kien ikollu wkoll jieħu perjodu ta' *unpaid leave.*

35. L-Artikoli 19 u 42 tal-Kap. 452 m'humiex rilevanti għall-każ in eżami.

36. Għaldaqstant, tiċħad ukoll l-aħħar aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr